darji. L-arċisqof, diversi drabi kellu joħroġ ċirkolarijiet u avviżi dwar il-festi. Jekk wieħed jeżamina l-kwistjonijiet kollha jibda jara li dawn l-aktarx li jinqalgħu fejn hemm involuti il-vari jew statwi. Fit-18 ta' Ġunju L-Arċisqof ħareġ ċirkolari biex il-kappillani ma jberkux statwi ġodda li se jintużaw barra, jekk mhux bil-permness tiegħu. F'Mejju 1985 kiteb oħra dwar ir-rivalita' eżaġerata, u rrefera wkoll għall festi sekondarji u opri ġodda, u li tingħata aktar importanza għall dak li hu spiritwali u karita' lill-proxxmu. Dwar l-istess ħaġa ħareġ oħra f'Awwissu 1989.

Kappillani u arċiprieti jixtiequ jikkontrollaw l-imġieba fejn tidħol u toħroġ il-vara. Naħseb li hawn għamndha ssir l-edukazzjoni fost dawk il-ftit parteċipanti li minħabba fihom jinqala' t-tilwim. Hemm min jixtieq li jnaqqas jew ibiddel is-sistema tal-festi esterni biex ikunhemm aktar rispett lejn il-qaddis jew suġġett tal-festa, u aktar parteċipazzjoni tal-parruċċani. Billi l-proċessjoni bil-vara tgħaddi mit-toroq prinċipali tal-belt jew raħal. il-familji jipparteċipġaw u jħosshom parti mill-festa tal-post, u għalhekk iżejnu, jixgħelu, u jistiednu n-nies għall-festa. Li kieku tonqos jew tispiċċa r-rotta tal-proċessjoni, jonqos ukoll l-interess tal-familji tar-raħal. Il-parroċċi, daż-żmien, qed jorganizzaw attivitajiet matul in-novena jew żmien ieħor qabel u f'jum il-festa, fejn jipparteċipaw it-tfal, il-morda, ix-xjuħ, l-għaqdiet, u entitajiet oħrajn. B'hekk dawn ikunu jilħqu l-iskopijiet spiritwali tal-festa. Iżda n-nies xorta waħda jridu n-nar, il-vara, t-tizjin. Jekk dawn jonqsu, tonqos ħafna l-parteċipazzjoni u l-pjaċir tal-festi tagħna.

Veru li kollox jinbidel maż-żmien, skond l-evoluzzjoni taċ-ċirkostanzi, iżda ma jkunx pass għaqli jekk jinbidlu bosta affarijiert f'daqqa, l-aktar fejn tidħol il-parteċipazzjoni tan-nies fil-manifestazzjonijiet esterni. Kull pajjiż għandu d-drawwiet u l-folklor tiegħu, u dan hu li jagħti l-ħajja lill-festi. Komunitajiet reċentissmi f'Malta, bħal ngħidu aħna Santa Luċija u oħrajn, m'għandhomx tradizzjonijiet, u hemm, il-festa hija biss liturġika; veru li b'hekk ma jinqalax inkwiet ta' rivalitajiet, iżda r-residenti t'hemm ifittxu rħula oħrajn biex jidħlu fl-ispirtu ta' festa esterna.

-----------oooooOOOOOooooo-----------

<u>Dr. Charles George Cassar, MD, MRCGP.</u> Miet fit-30 ta'Diċembru 1991, fl-eta' ta' 90 sena. Hu kien il-fundatur u l-ewwel president tal-Għaqda tal-Folklor li twaqqfet uffiċjalment fl-1964. Iżda Dr. Cassar kien ġa waqqafha taħt forma oħra, meta snin qabel, kien ifforma l-Għaqda bi grupp żgħir ta' persuni, biex jamministraw u jikkontrollaw il-kompetizzjonijiet tal-għana tal-Imnarja fil-Buskett. Sa l-istess sena li miet fiha kien għadu juri nteress u jinkuraġġixxi l-Għaqda tal-Folklor, anzi kien jinsisti li l-laqgħat tal-kumitat isiru fid-dar tiegħu Triq San Kristofru l-Belt. Il-membri tal-kumitat attendew għall-quddiesa tal-funeral, u kienu wkoll offrewlu quddiesa għal ruħu fil-knisja ta' Santa Barbara, fejn attendiet ukoll is-Sinjura Cassar. L-Għaqda hija rikonoxxenti jeln Dr. Cassar, u tħeġġeġ lill-membri u ħbieb biex jiftakru fih fit-talb tagħhom.